**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 116/2022 NC**

**Fl-Atti tar-Rikors ippreżentat fid-9 ta' Frar 2022 in segwitu tal-Ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 6/2022 fl-ismijiet:**

**Operational Technology Services Limited**

**vs.**

**Chloris Portelli**

**Digriet kamerali mogħti llum, l-Erbgħa 27 ta' Lulju 2022**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrenti Choris Portelli (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fid-9 ta' Frar 2022 fejn talbet lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Illi in vista tas-suespost l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti:*

*1. issib li l-ammont mitlub fil-Mandat ta' Sekwestru Numru 6/2022 fl-ismijiet: Operational Technology Services Limited (C-62127) vs. Chloris Portelli K.I. 412483(M) mhux prima facie ġustifikat;*

*2. issib li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ il-mandat ta' sekwestru numru 6/2022 fl-ismijiet: Operational Technology Services Limited (C-62127) vs. Chloris Portelli K.I. 412483(M) jew li dan l-atti jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli;*

*3. tirrevoka għal kollox l-istess mandat ta' sekwestru Numru 6/2022 fl-ismijiet: Operational Technology Services Limited (C-62127) vs. Chloris Portelli K.I. 412483(M);*

*4. tikkundanna lill-Operational Technology Services Limited (C-62127) tħallas dik il-penali li din il-Qorti jogħġobha timponi ai termini tal-Artikolu 836(8)(d).*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi."*

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Frar 2022 fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lis-soċjeta' intimata Operational Technology Services Limited li ġiet mogħtija żmien sebat (7) ijiem min-notifika sabiex tippreżenta Nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li tixtieq tippreżenta.

Rat illi s-soċjeta' intimata Operational Technology Services Limited ġiet notifikata b'dawn il-proċeduri bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni u li minkejja li ġiet hekk notifikata, is-soċjeta' intimata ma ppreżentat l-ebda Nota kif hawn fuq imsemmi.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 6/2022 fl-ismijiet **Operational Technology Services Limited vs. Chloris Portelli** u kif ukoll l-atti tal-kawża fl-istess ismijiet (Numru 55/2022 NC).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- bejn ir-rikorrenti Portelli u s-soċjeta′ intimata Operational Technology Services Limited hemm relazzjoni ta′ impieg li mid-dehra kienet ser tiġi terminata minn naħa tas-soċjeta′ intimata;

- hemm pendenti kawża quddiem it-Tribunal Industrijali fl-ismijiet **Chloris Portelli vs. Operational Technology Services Limited, CC Media Network Limited u Apex Marketing Limited** fejn ir-rikorrenti Portelli tallega li, fost l-oħrajn, saret diskriminazzjoni fil-konfront tagħha *ai termini* ta′ Artikolu 26 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta′ Malta u tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.95 tal-Liġijiet ta′ Malta;

- fl-4 ta′ Jannar 2022 is-soċjeta′ intimata Operational Technology Services Limited kisbet il-ħruġ tal-Mandat ta′ Sekwestru Kawtelatorju *de quo* fl-ammont ta′ tliet mija u sbatax-il elf, disa′ mija u tlieta u disgħin Euro u ħames ċenteżmi (€317,993.05) bħala sorti u dan għas-segwenti raġunijiet:

  *"Illi l-intimta llum sekwestranta hija impjegata tas-soċjeta′ rikorrenti, u li ftit tal-ġimgħat ilu ġiet infurmata li l-impieg tagħha kien ser jiġi tterminat a bażi ta′ sensji kollettivi li kienu qegħdin iseħħu fi ħdan is-soċjeta′ rikorrenti.*

  *Illi l-intimata proċediet billi ntavolat proċeduri ġudizzjarji fil-konfront tas-soċjeta′ rikorrenti, waqt liema proċeduri ġew żvelati dokumenti kummerċjalment sensittivi li jirrigwardjaw soċjetajiet terzi, u li poġġew fi preġudizzju serju l-interessi tal-istess terzi li għandhom negozju mas-soċjeta′ rikorrenti.*

  *Illi kif ser jiġi spjegat waqt is-smiegħ tal-kawża, is-soċjeta′ rikorrenti hija issa soġġetta li tiġi ordnata tħallas danni fl-ammont ta′ €317,993.05, wara li l-intimata kisret kawżoli ta′ kunfidenzjalita′ li*

*bihom kienet marbuta s-soċjeta' rikorrenti u l-impjegati kollha tagħha";*

- jirriżulta minn Dok. "3" (*a fol.* 29 *et seq.*) anness mar-Rikors promotur li ġew intavolati wkoll proċeduri ġudizzjarji għannom tas-soċjeta' estera CC Media Network Limited (waħda mill-kumpaniji kontra min qed tinstema' l-kawża quddiem it-Tribunal Industrijali) kontra s-soċjeta' Operational Technology Services Limited (Numru 1262/2021 CFS) fejn intalab, fost l-oħrajn, is-segwenti:

    - li jiġi dikjarat li s-soċjeta' Operational Technology Services Limited aġixxiet bi ksur tas-*Services Agreement*;

    - li jiġi dikjarat li dan il-ksur imsemmi kkawża danni lis-soċjeta' CC Media Network Limited u li jiġi dikjarat li s-soċjeta' Operational Technology Services Limited hija responsabbli għad-danni fil-konfront ta' CC Media Network Limited, liema danni jiġi mitlub li jiġu likwidati u li s-soċjeta' Operational Technology Services Limited tiġi kkundannata tħallas tali danni lis-soċjeta' CC Media Network Limited;

- il-kawża hawn fuq imsemmija fl-ismijiet **Avukat Joseph Camilleri bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera reġistrata Ġibilita' CC Media Network Limited vs. Operational Technology Services Limited** (Numru 1262/2021 CFS) ġiet ċeduta fis-seduta tal-21 ta' Frar 2022 quddiem din il-Qorti diversament preseduta u b'hekk il-Qorti msemmija waqfet milli tqies aktar dik il-kawża;

- fl-24 ta' Jannar 2022 ġiet mibdija kawża fl-ismijiet **Operational Technology Services Limited vs. Chloris Portelli** (Numru 55/2022 NC) (Dok. "6" – *a fol.* 63 *et seq.*), liema kawża qed tinstema' quddiem din il-Qorti kif preseduta fejn is-soċjeta' Operational Technology Services Limtied tagħmel numru ta' talbiet, fosthom li Portelli tiġi ordnata tħallas lis-soċjeta' Operational Technology Services Limited id-danni likwidati mill-Qorti u liema danni jingħad ġejjin minn ksur da parte ta'

Portelli tal-obbligi kuntrattwali miftehmin fil-kuntratt ta' impieg tagħha.

**Ikkunsidrat**

Illi, kif ingħad diversi drabi fi proċeduri simili bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li f'dan l-istadju l-Qorti tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-mandat.

Illi dan il-ħsieb ġie ikkonfermat f'numru ta' provvedimenti mogħtija mill-Qrati tagħna inkluż fil-provvediment mogħti fid-29 ta' Lulju 2005 fil-proċeduri **Fl-Atti tal-Mandat Kawtelatorju bin-Numru 494/2005 maħruġ fil-21 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet Therese Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart** (Numru 336/2005), fejn il-Qorti qalet hekk:

> "Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv."

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa sabiex teżamina t-talbiet tar-rikorrenti Chloris Portelli waħda waħda.

**<u>L-Ewwel (1) Talba</u>**
**<u>Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**
**<u>(Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv)</u>:**

Illi f'din l-ewwel talba rikorrenti titlob li l-ammont mitlub fil-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 6/2022 mhux *prima facie* ġustifikat *ai termini* ta' Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrenti tisħaq li hija eżebiet d-dokumenti in kwistjoni li kellha bżonn teżebixxi sabiex tipprova l-każ tagħha b'suċċess u li skont hija m'humiex kummerċjalment sensittivi. Hija tisħaq ukoll li ma aġixxietx b'xi negliġenza grossolana jew b'xi *wronful intent* meta hija eżebit id-dokumenti u tgħid li għamlet *redaction* tal-ismijiet tal-ħaddiema li ma kellhomx x'jaqsmu mal-kwistjoni. Skont ir-rikorrenti Portelli, is-soċjeta' Operational Technology Services Limited mxiet b'ħażen, malizja jew frivoložita'.

Illi l-Qorti tinnota li kull parti għandha d-dritt li tikkawtela l-pożizzjoni legali tagħha bil-mod li jidhrilha l-aktar xieraq b'dan illi jekk wara li jinqata' l-mertu, jirriżulta li kien hemm xi abbuż minn xi naħa, il-parti l-oħra jkollha kull dritt li teżerċita r-rimedji li tagħtiha l-liġi.

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fil-provvediment mogħti fit-12 ta' Settembru 2019 fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 964/2019 fl-ismijiet Dr. Henri Mizzi pro et noe vs. Jebmed Srl** (Numru 780/19), fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

> "Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-mandat".

Illi l-Qorti tagħmel riferenza wkoll għal provvediment li ngħata fil-21 ta' Diċembru 2012 fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1255/2012 fl-ismijiet C & F Building Contractors Limited (C 15308) vs. Alfred Baldacchino Limited (C 10418)** (Numru 945/2012), fejn il-Qorti qalet hekk:

> "Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jkun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx ta' bilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[1]". [emfażi miżjuda]

Illi, kif diġa' ngħad aktar 'il fuq f'dan il-provvediment, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti f'dawn il-proċeduri huwa biss wieħed *prima facie* b'dan illi l-mertu għandu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Applikat dak li ngħad fil-provvediment hawn fuq imsemmi fl-ismijiet **Dr. Henri Mizzi pro et noe vs. Jebmed Srl** (Numru 780/2019) u meħud in konsiderazzjoni li s-soċjeta' intimata Operational Technology Services Limited baqgħet ma weġbitx għar-Rikors li tiegħu qed jingħata dan il-provvediment minkejja li hija ġiet debitament notifikata skont il-liġi u meħud in konsiderazzjoni l-fatt li l-Qorti ma jirriżultalhiex kif is-soċjeta' intimata illikwidat l-pretensjoni tagħha f'somma li taqbel mal-ammont maħluf fil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo*, il-Qorti (mingħajr bl-ebda mod ma qegħda tikkumenta jew tagħmel xi konsiderazzjonijiet dwar il-mertu tal-kawża) ma jirriżutalhiex li l-ammont li għalih inħareġ il-mandat *de quo* huwa kollu *prima facie* ġustifikat b'dan illi l-Qorti hija tal-fehma, tenut kont taċ-ċirkostanzi ta' dak li ngħad hawn fuq u ta' dak li jirriżulta mill-atti proċesswali, li l-ammont li għandu jkun salvagwardjat bil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* għandu jkun dak ta' ħamsa u sebgħin elf Euro (€75,000.00) biss.

Illi l-Qorti tikkonkludi li għalkemm il-mandat *de quo* m'għandux jitħassar taħt din il-kawżali tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, madankollu hemm lok li l-ammont imsemmi fil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 6/2022 jitnaqqas

[1] Ara, per eżempju, PA GV 6.12.1999 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **Salvino Farrugia noe vs. Exalco Holdings Ltd.**

minn €317,993.05 għal €75,000 u b'hekk isegwi li l-Qorti ser tilqa' limitatament l-ewwel (1) talba hekk kif kontenuta fir-Rikors promutur fis-sens appena msemmi.

**It-Tieni (2) Talba**
**Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta**
**(Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli):**

Illi fir-rigward ta' Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qrati jikkunsidraw jekk inbidlux xi ċirkostanzi li minħabba fihom ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' fis-seħħ. F'dan ir-rigward issir riferenza għal provvediment mogħti fil-11 ta' Awwissu 2009 fl-ismijiet **Rosie Lehner vs. Ian Pace** (Numru 122/2006), fejn il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) qalet hekk:

> "Illi r-raġuni waħdanija li fuqha l-eżekutat jibni t-talba tiegħu għat-tħassir tal-Mandat hi li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, ingħad li din id-dispożizzjoni timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat**, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[2] . Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."

Illi mill-atti ma jirriżulta l-ebda bidla fiċ-ċirkostanzi li jwasslu lill-Qorti tasal għal deċiżjoni li tħassar il-mandat.

Illi, għall-kompletezza, il-Qorti ser tagħmel riferenza għal provvediment fejn ingħatat interpretazzjoni aktar wiesa lis-sub-Artikolu in eżami. Fil-provvediment mogħti fis-27 ta' Marzu 2013 fl-ismijiet **Electro Fix Limited et vs. Kevin Pisani** (Numru 211/2013), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

[2] Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et**.

> "Għalkemm hemm provvedimenti tal-qrati li jgħidu li paragrafu (f) tal-Artikolu 836(1) japplika jekk iseħħ xi żvilupp wara li jiġi ppreżentat l-att kawtelatorju, din il-qorti m'hijiex daqstant konvinta li dan hu l-każ fir-rigward ta' dik il-parti tal-provvediment li taqra: ***"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju"***. Wieħed irid jiftakar li l-mandati ta' sekwestri normalment jinħarġu mingħajr indaġni u għalhekk dan il-provvediment jagħmel sens in kwantu jagħti l-opportunita' li l-qorti tara jekk fil-każ partikolari li jkollha quddiemha huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ. Fil-fehma tal-qorti hu t-tieni parti ta' paragrafu (f) li qiegħed jikkontempla sitwazzjoni ta' tibdil ta' ċirkostanzi wara l-ħruġ tal-att kawtelatorju."

Illi ma' dan issir riferenza għal provvediment mogħti fit-23 ta' Awwissu 2017 fl-ismijiet **Fl-Atti tal-Mandat Numru 1140/17 fl-ismijiet Avukat Dottor Nikolai Vella Falzon noe vs. Elitavia Malta Limited et** (Numru 748/17), fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

> "Din il-Qorti hija propensa illi tadotta din it-tieni interpretazzjoni li hija aktar konsona mal-ispirtu tal-liġi, tenut kont tal-fatt illi l-eżami li jsir mill-Qorti qabel il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju huwa wieħed formali, li jorbot l-aktar fuq id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' minn qiegħed jikkawtela l-kreditu jew il-pretensjoni tiegħu u fejn ma ssir ebda indaġni imqar *prima facie* dwar il-kreditu jew pretensjoni ikkwatelata bil-mandat. Tqis għalhekk illi fejn *ab initio* mandat ma kienx raġonevoli li jkun fis-seħħ, il-Qorti tista' tordna r-revoka tiegħu."

Illi, meħuda in konsiderazzjoni wkoll dawn iż-żewġ provvedimenti appena kwotati, il-Qorti hija xorta tal-fehma li r-rikorrenti Chloris Portelli naqset milli tipprova li l-pretensjonijiet tas-soċjeta' intimata Operational Technology Services Limited huma *prima facie* frivoli u li allura, skont hija, ma hemmx lok sabiex fiċ-ċirkostanzi dan il-mandat jibqa' fis-seħħ.

Illi b'hekk il-Qorti ser tiċħad it-tieni (2) talba tar-rikorrenti Portelli fejn din hija msejsa *ai termini* ta' Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>It-Tielet (3) Talba</u>**
**<u>(Tirrevoka għal kollox il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo*)</u>:**
Illi f'din it-talba r-rikorrenti Portelli titlob li l-Qorti tirrevoka għal kollox il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 6/2022. Meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tat-talbiet l-oħra, b'mod partikolari dak li ngħad fir-rigward tal-ewwel (1) talba u meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad li kull parti għandha d-dritt li tikkawtela l-pożizzjoni legali tagħha bil-mod li jidhrilha l-aktar xieraq b'dan illi jekk wara li jinqata' l-mertu, jirriżulta li kien hemm xi abbuż minn xi naħa, il-parti l-oħra jkollha kull dritt li teżerċita r-rimedji li tagħtiha l-liġi, il-Qorti hija tal-fehma li t-tielet (3) talba għandha tiġi milqugħa limitatament billi, bla ma tħassar il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 6/2022 maħruġ kontra r-rikorrenti Portelli, tnaqqas il-valur tal-istess mandat mis-somma ta' €317,993.05 għas-somma ta' €75,000.00 u mill-bqija tħalli l-istess mandat fis-seħħ.

**<u>Ir-Raba' (4) Talba</u>**
**<u>(Impożizzjoni ta' Penali *ai termini* ta' Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta)</u>:**
Illi l-Qorti tinnota li sabiex talba għal impożizzjoni ta' penali taħt dan is-sub-Artikolu tirnexxi, min jitlobha jeħtieġlu juri li fil-fatt kien hemm malizzja jew li l-mandat kien frivolu u/jew nħareġ b'mod vessatorju.

Illi f'dan ir-rigward issir riferenza għal provvediment mogħti fis-7 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd. vs. Paolo Bonnici Ltd** (Numru 492/2002) fejn il-Qorti qalet hekk:

> "Din il-Qorti, għalhekk, fil-waqt li tista' taqbel li ċ-ċirkustanzi ta' meta min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju jista' jinstab responsabbli għad-danni, mhux limitati għal dak provdut fl-artiklu 836(8) tal-Kap. 12, thoss li r-responsabilita' trid toħroġ mill-applikazzjoni tal-artikoli

1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jaġixxi b'imprudenza, b'negliġenza jew mhux bil-ħsieb ta' *bonus paterfamilias*. Din il-pożizzjoni tidher li kienet abbraċċjata wkoll minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imħallef (illum President Emeritus) Joseph Said Pullicino fil-kawża **"Spiteri vs. Camilleri"**, deċiża fl-10 ta' Jannar 1992. F'dik il-kawża ġew riaffermati s-segwenti prinċipji:

[…]

*"(d) Illi tali abbuż jiġi riskontrat biss f'każijiet eċċezzjonali u dan kważi dejjem f'każijiet ta' vessatorjeta' ("Emanuele Calleja vs. Carmelo Grima" – Kollez. Vol. XXXIX.I.24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravement kolpuża ("Agius vs Dott. Carbone nomine" – Kollez. Vol. XIII.434), fejn min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaża fuq ċirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non é sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite" ("Mugliette vs Bezzina" – Kollez. Vol. XXVI.I.405)"".*

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq u l-atti proċesswali, kemm tar-Rikors odjern u kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo*, il-Qorti mhijiex tal-fehma li jeżistu l-elementi neċessarji sabiex tiddikjara li mandat in kwistjoni nħareġ bi ksur ta' Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk isegwi li t-talba in eżami ser tiġi miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' limitatament l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti eżekutata Chloris Portelli fis-sens illi ssib li l-Mandat ta' Sekwestru

Kawtelatorju *de quo* huwa *prima facie* ġustifikat biss fl-ammont ta' €75,000.00;

2. Tiċħad it-tieni (2) u r-raba' (4) talba tar-rikorrenti Portelli;

3. Tilqa' limitatament it-tielet (3) talba tar-rikorrenti Portelli billi bla ma tħassar il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 6/2022 maħruġ kontrieha, tnaqqas il-valur tal-istess mandat mis-somma ta' €317,993.05 għas-somma ta' €75,000.00 u mill-bqija tħalli l-istess mandat fis-seħħ.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jinqasmu hekk: kwart (1/4) għar-rikorrenti eżekutata s-sekwestrata Chloris Portelli u tliet kwarti (3/4) għas-soċjeta' intimata eżekutanta s-sekwestranta Operational Technology Services Limited.

___________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

___________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**